

REGOLAMENT (UE) Nru 1292/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tal-11 ta' Diċembru 2013****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) L-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv tassenja rwol minn ta' quddiem lill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) li jikkontribwixxi għal għadd ta' inizjattivi ewlenin.
- (2) Matul il-perjodu mill-2014 sal-2020, l-EIT għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' "Orizzont 2020 - Il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 ⁽³⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Orizzont 2020"), bl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni.
- (3) Sabiex ikun żgurat qafas koerenti għal dawk li jieħdu sehem f'Orizzont 2020, ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ ("Regoli għall-Parteċipazzjoni") għandu japplika għall-EIT.
- (4) Ir-regoli dwar il-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali huma ddefiniti fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni.
- (5) Ir-regoli dwar l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi huma ddefiniti f'Orizzont 2020.

(6) L-EIT għandu jrawwem l-intraprenditorija fl-attivitajiet tiegħu tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, għandu jippromwovi edukazzjoni intraprenditorjali eċċellenti u jappoġġa l-ħolqien ta' impriżi ġodda u li qabdu ritmu b'saħħtu.

(7) L-EIT għandu jaħdem direttament mar-rappreżentanti nazzjonali u reġjonali u ma' partijiet interessati oħra minn naħa għal oħra tal-katina tal-innovazzjoni biex jiġġenera effetti ta' benefiċċju fuq iż-żewġ naħa. Sabiex dan id-djalogu u l-iskambju jkun aktar sistematiċi għandu jiġi stabbilit Forum tal-Partijiet Interessati li jiġbor flimkien komunità usa' ta' partijiet interessati madwar kwistjonijiet orizzontali. L-EIT għandu jwettaq ukoll attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni mmirati lejn partijiet interessati rilevanti.

(8) L-EIT għandu jippromwovi parteċipazzjoni bilanċjata b'mod adegwat bejn l-atturi differenti mit-triangolu tal-għarfien involuti fil-Komunitajiet għall-Għarfien u l-Innovazzjoni ("KICs"). Barra minn hekk, għandu jippromwovi parteċipazzjoni b'saħħitha mis-settur privat, b'mod partikolari mill-impriżi mikro/żgħira u ta' daqs medju ("SMEs").

(9) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-EIT lejn il-KICs għandu jkun iddefinit u l-orijini tar-riżorsi finanzjarji tal-KICs għandha tkun iċċarata.

(10) L-għamla tal-entitajiet tal-EIT għandha tkun issimplifikata. It-tħaddim tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT għandu jkun issimplifikat u r-rwoli u l-hidmijiet rispettivi tal-Bord tat-Tmexxija u tad-Direttur għandhom jiġu ċċarati aktar.

(11) KICs ġodda, inklużi l-oqsma ta' prijorità tagħhom u l-organizzazzjoni u l-waqt propizju tal-proċess ta' għażla, għandhom jitniedu abbażi ta' modalitajiet iddefiniti fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni wara proċess miftuħ, trasparenti u kompetittiv.

(12) Il-KICs għandhom iwessgħu l-attivitajiet edukattivi tagħhom sabiex isaħħu l-bażi tal-ħiliet madwar l-Unjoni, billi jipprovdu korsijiet ta' taħriġ professjonali u oħrajn adegwati.

(13) Il-kooperazzjoni fl-organizzazzjoni tal-monitoraġġ u l-evalwazzjonijiet tal-KICs bejn il-Kummissjoni u l-EIT huma meħtieġa sabiex tkun żgurata koerenza mas-sistema ġenerali ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fil-livell tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-prinċipji għall-monitoraġġ tal-KICs u l-EIT għandhom ikunu ċari.

⁽¹⁾ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 122.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2013 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) (Ara paġna 104 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għall-partiċipazzjoni u t-tixrid f'"Orizzont 2020" - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020), (Ara paġna 81 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (14) Il-KICs għandhom ifittxu s-sinerġiji ma' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, dawk nazzjonali u reġjonali.
- (15) Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni usa' ta' organizzazzjonijiet minn Stati Membri differenti fil-KICs, l-organizzazzjonijiet imsieħba għandhom ikunu stabbiliti f'tal-inqas tliet Stati Membri differenti.
- (16) L-EIT u l-KICs għandhom jiżviluppaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u jxerrdu l-aħjar prassi, inkluż permezz tal-iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali.
- (17) Il-kriterji u l-proċeduri għall-finanzjament, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-KICs għandhom ikunu adottati mill-EIT qabel it-tnedija tal-proċess ta' għażla tal-KIC.
- (18) Il-Programm Triennali ta' Ħidma tal-EIT għandu jkollu l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-oġġettivi speċifiċi tal-EIT, kif iddefiniti fl-Orizzont 2020, u l-komplementarjetajiet mal-istrumenti u l-politiki tal-Unjoni.
- (19) L-EIT, billi jaqa' taħt Orizzont 2020, se jkun parti mis-semplifikazzjoni tal-infiq minħabba t-tibdil tal-klima kif iddefinit f'Orizzont 2020.
- (20) L-evalwazzjoni tal-EIT għandha tipprovdi kontribut f'waqtu għall-evalwazzjoni ta' Orizzont 2020 fl-2017 u l-2023.
- (21) Il-Kummissjoni għandha ssaħħa ir-rwol tagħha fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' aspetti speċifiċi tal-attivitajiet tal-EIT.
- (22) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu ta' Orizzont 2020 li għandu jikkostitwixxi r-referenza prinċipali, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Inter-istituzzjonali 2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u ġestjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-EIT għandha tkun ipprovduta minn Orizzont 2020.
- (23) Kuntrarju għall-aspettattivi inizjali, il-Fondazzjoni tal-EIT mhux se tirċievi kontribuzzjoni diretta mill-baġit tal-Unjoni, u l-proċedura ta' kwittanza tal-Unjoni ma għandhiex għaldaqstant tapplika għaliha.
- (24) Biex l-affarijiet ikunu aktar ċari, l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ għandu jiġi sostitwit b'Anness għdid.
- (25) Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. "innovazzjoni": tfisser il-proċess, inkluż l-eżitu tiegħu, li permezz tiegħu ideat ġodda jirrispondu għad-domanda u l-ħtiġijiet tas-soċjetà jew dawk ekonomiċi u jiġġeneraw prodotti, servizzi, jew mudelli ta' negozju u ta' organizzazzjoni ġodda li jiġu introdotti b'suċċess f'suq eżistenti jew li jkunu kapaċi joħlqu swieq ġodda u li jagħtu valur lis-soċjetà;"

(b) il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. "Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni" (KIC): tfisser sħubija awtonoma ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet ta' riċerka, kumpaniji u partijiet interessati oħrajn fil-proċess ta' innovazzjoni fil-forma ta' netwerk strateġiku, irriskettivament mill-forma ġuridika preċiża tagħha, ibbażata fuq l-ippjanar ta' innovazzjoni konġunt fuq perijodu medju għal wiehied fit-tul biex jintlaqgħu l-isfidi tal-EIT u jingħata kontribut għall-ilhug tal-oġġettivi stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) ("Orizzont 2020");

(*) Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont 2020 - Il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).";

(c) il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. "ċentru ta' kolokazzjoni": tfisser żona ġeografika fejn huma bbażati l-imsieħba ewlenin tat-triangolu tal-għarfien u jistgħu jinteraġġixxu faċilment, u li tipprovdi l-punt fokali għall-attività tal-KICs f'dik iż-żona;"

(d) il-punt 4 huwa mħassar;

(e) il-punt 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. "organizzazzjoni msieħba": tfisser kwalunkwe organizzazzjoni li hija membru ta' KIC u tista' tinkludi, b'mod partikolari, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet ta' riċerka, kumpaniji pubbliċi jew privati, istituzzjonijiet finanzjarji, awtoritajiet reġjonali u lokali, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;"

⁽¹⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

(f) il-punt 9 jinbidel b'dan li ġej:

"9. "Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni" (ASI): tfisser dokument ta' politika li jiddeskrivi l-oqsma ta' prijorità u l-istrategġija fit-tul tal-EIT għal inizjattivi futuri, inkluża ħarsa ġenerali tal-attivitajiet ippjanati ta' edukazzjoni għolja, riċerka u innovazzjoni tul perijodu ta' seba' snin;"

(g) jiżdied il-punt li ġej:

"9a. "Skema ta' Innovazzjoni Reġjonali" ((RIS)-Regional Innovation Scheme): tfisser skema ta' sensibilizzazzjoni mmirata lejn is-sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, kumpaniji u partijiet interessati oħra bil-ħsieb li titrawwem l-innovazzjoni madwar l-Unjoni;"

(h) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"10. "Forum tal-partijiet interessati": tfisser pjattaforma miftuħa għar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, għal entitajiet individwali jew ta' interess organizzat mid-dinja tan-negozju, l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, assoċjazzjonijiet, is-soċjetà ċivili u għal organizzazzjonijiet miġbura flimkien, kif ukoll partijiet oħra interessati minn naħa għal oħra tat-triangolu tal-għarfien;

11. "Attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC": tfisser attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet imsieħba jew entitajiet ġuridiċi tal-KIC, jekk applikabbli, li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tat-triangolu tal-gharfiental-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi l-attivitajiet tal-istabbiliment, amministrattivi u ta' koordinazzjoni tal-KICs, u li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali tal-EIT."

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Missjoni u Oġġettivi

Il-missjoni tal-EIT hija li jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività ekonomika fl-Ewropa, b'mod sostenibbli, bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni biex jindirizza l-isfidi l-kbar li tiffaċċja s-soċjetà Ewropea. Dan għandu jagħmlu billi jippromwovi sinerġiji u kooperazzjoni fost l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-għolja standards u l-integrazzjoni tagħhom, inkluż permezz tat-trawwim tal-intraprenditorja.

L-Oġġettivi Ġenerali, l-Oġġettivi Speċifiċi u l-indikaturi tar-riżultati tal-EIT għall-perijodu mill-2014 sal-2020 huma ddefiniti f'Orizzont 2020."

(3) L-Artikolu 4(1) jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Bord tat-Tmexxija magħmul minn membri ta' livell għoli b'esperjenza fl-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u n-negozju. Huwa għandu jkun responsabbli għat-tmexxija tal-attivitajiet tal-EIT, għall-għażla, in-nomina u l-evalwazzjoni tal-KICs, u għad-deċiżjonijiet strateġiċi l-oħrajn kollha. Dan għandu jkun assistit minn Kumitat Eżekuttiv;"

(b) il-punt (b) huwa mħassar;

(c) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) Direttur, maħtur mill-Bord tat-Tmexxija, li għandu jkun responsabbli għall-Bord tat-Tmexxija għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja tal-EIT u li għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-EIT;"

(4) L-Artikolu 5(1) jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) jidentifika, skont l-ASI, il-prijoritajiet u l-attivitajiet ewlenin tiegħu;"

(b) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) jagħżel u jinnomina KICs fl-oqsma prijoritarji skont l-Artikolu 7 u jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom bi ftehim, jipprovdihom bl-appoġġ meħtieġ, japplika l-miżuri meħtieġa ta' kontroll tal-kwalità, jissorvelja kontinwament u jevalwa perjodikament l-attivitajiet tagħhom, jiżgura livell adegwat ta' koordinazzjoni u jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni tematika bejn il-KICs;"

(c) il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

"(f) jippromwovi t-tixrid tal-aħjar prassi għall-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien, inkluż fost il-KICs, sabiex jiżviluppa kultura ta' innovazzjoni komuni u ta' trasferiment tal-għarfien, u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, inkluż fl-RIS;"

(d) il-punt (h) jinbidel b'dan li ġej:

"(h) jippromwovi approċċi multidixxiplinari għall-innovazzjoni, inkluża l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, tas-soċjetà u dawk mhux teknoloġiċi, approċċi organizzattivi u mudelli ġodda ta' negozju;"

(e) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- "(i) jiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġija bejn l-attivitajiet tal-EIT u programmi oħra tal-Unjoni, fejn adatt;
- (j) jippromwovi l-KICs bħala sħab eċċellenti tal-innovazzjoni fi ħdan l-Unjoni kif ukoll barra minnha;
- (f) jistabbilixxi Forum tal-Partijiet Interessati biex jagħti tagħrif dwar l-attivitajiet tal-EIT, l-esperjenzi tiegħu, l-aħjar prassi u l-kontribuzzjoni għall-politiki u l-oġettivi ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni tal-Unjoni u biex jippermetti lill-partijiet interessati jesprimu l-fehmiet tagħhom. Għandha ssir laqgħa tal-Forum tal-Partijiet Interessati tal-anqas darba fis-sena. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri għandhom jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali, fi ħdan il-laqgħa tal-Forum tal-Partijiet Interessati, biex jiġu żgurati komunikazzjoni u fluss ta' informazzjoni adatti mal-EIT, u jiġu infurmati dwar il-kisbiet tal-EIT u l-KICs, jagħtu parir lill-EIT u l-KICs u jikkondividu esperjenzi magħhom. Il-konfigurazzjoni speċjali tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Forum tal-Partijiet Interessati għandha tiżgura wkoll sinerġiji u komplementarjetajiet adatti bejn l-attivitajiet tal-EIT u l-KIC mal-programmi u l-inizjattivi nazzjonali, inkluż il-kofinanzjament nazzjonali potenzjali tal-attivitajiet tal-KIC."

(5) L-Artikolu 6 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi emendat kif ġej:

i) il-punt (b) jiġi emendat kif ġej:

"(b) riċerka avvanzata u mmexxija mill-innovazzjoni f'oqsma ta' interess ekonomiku u soċjali ewleni u li tutilizza r-riżultati tar-riċerka Ewropea u nazzjonali, bil-potenzjal li ssaħħaħ il-kompetittività Ewropea fil-livell internazzjonali u ssib soluzzjonijiet għall-isfidi l-kbar iffaċċjati mis-soċjetà Ewropea,";

(ii) il-punt (c) jinbidel b'dan ġej:

"(c) attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livell ta' masters u ta' dottorat, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ professjonali, f'dixxiplini bil-potenzjal li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi Ewropej fil-ġejjieni u li jespandu l-bażi ta' talent tal-Unjoni, jippromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet marbuta mal-innovazzjoni, it-titjib tal-ħiliet maniġerjali u intraprenditorjali u l-mobbiltà ta' riċerkaturi u studenti, u jrawwu l-kondiviżjoni tal-għarfien, il-mentoring u n-networking fost dawk li jirċievu lawrji u taħriġ tal-EIT,";

(iii) il-punt (d) jinbidel b'li ġej:

"(d) attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u t-tixrid tal-aħjar prassi fis-settur tal-innovazzjoni b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u n-negozju, inklużi s-setturi finanzjarji u dawk tas-servizi,";

(iv) jiżdied il-punt li ġej:

"(e) it-tfittxija ta' sinerġiji u komplementarjetajiet bejn l-attivitajiet tal-KIC u programmi Ewropej, nazzjonali u reġjonali eżistenti, fejn xieraq,";

(b) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-KICs għandu jkollhom awtonomija ġenerali sostanzjali biex jiddefinixxu l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni interna tagħhom, kif ukoll l-aġenda preċiża u l-metodi ta' ħidma tagħhom. B'mod partikolari, il-KICs għandhom:

(a) jistabbilixxu arranġamenti ta' governanza li jirriflettu t-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(b) jimmiraw li jkun miftuħa għal membri ġodda kull meta dawn iżidu valur għas-sħubija;

(c) jiffunzjonaw b'mod miftuħ u trasparenti, skont ir-regoli interni tagħhom;

(d) jistabbilixxu pjaniġiet ta' negozju b'oġettivi u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni;

(e) jiżviluppaw strateġiji għas-sostenibbiltà finanzjarja."

(6) L-Artikolu 7 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sħubija għandha tiġi magħżula u nominata mill-EIT biex issir KIC fuq proċedura kompetittiva, miftuħa u trasparenti. Kriterji dettaljati għall-għażla tal-KICs, ibbażati fuq il-prinċipji tal-eċċellenza u tar-relevanza għall-innovazzjoni, għandhom jiġu adottati u ppubblikati mill-EIT. Fil-proċess ta' għażla għandhom ikunu involuti esperti esterni u indipendenti,";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. L-EIT għandu jniedi l-għażla u n-nomina tal-KICs skont l-oqsma ta' prijorità u l-iskeda taż-żmien iddefinita fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI).";

(c) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Skont il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1, il-kriterji tal-għażla għan-nomina ta' KIC għandha tinkludi fost affarijiet oħra:

- (a) il-kapaċità attwali u potenzjali ta' innovazzjoni, inkluża l-intraprenditorija, fi ħdan is-sħubija kif ukoll l-eċċellenza tagħha fl-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (b) il-kapaċità tas-sħubija li tikseb il-miri tal-ASI u b'hekk tikkontribwixxi lejn l-oġettiv u l-prijoritajiet ġenerali ta' Orizzont 2020;
- (c) l-approċċ multidixxiplinari għall-innovazzjoni, inkluża l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, soċjali u mhux teknoloġiċi;
- (d) il-kapaċità tas-sħubija li tiżgura finanzjament sostenibbli u awtosuffiċjenti fuq perijodu ta' żmien twil, inkluż kontribut sostanzjali u li jiżdied mis-settur privat, mill-industrija u mis-servizzi;
- (e) il-parteċipazzjoni b'bilanċ adegwat fis-sħubija ta' organizzazzjonijiet attivi fit-trijanglu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (f) it-turija ta' pjan għall-ġestjoni ta' proprjetà intellettuali li tkun adatta għas-settur konċernat, inkluż il-mod kif ittieħed kont tal-kontribuzzjonijiet mid-diversi organizzazzjonijiet imsieħba;
- (g) miżuri għall-appoġġ tal-involvement tas-settur privat u tal-kooperazzjoni miegħu, inkluż is-settur finanzjarju u b'mod partikolari l-SMEs, kif ukoll il-ħolqien ta' impriżi ġodda u daww li qabdu ritmu b'saħħtu u l-SMEs, fid-dawl tal-isfruttament kummerċjali tar-riżultati tal-attivitajiet tal-KICs;
- (h) disponibbiltà sabiex jiġu stabbiliti miżuri konkreti għall-interazzjoni u l-kooperazzjoni mas-setturi pubbliċi u daww terzi, kif adatt;
- (i) disponibbiltà għall-interazzjoni ma' organizzazzjonijiet u networks oħrajn barra l-KIC bil-għan li tiġi kondiviża l-aħjar prassi u l-eċċellenza;
- (j) disponibbiltà li jiġu stabbiliti proposti konkreti għal sinerġiji ma' inizjattivi tal-Unjoni u oħrajn rilevanti.";

(d) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kundizzjoni minima biex tiġi fformata KIC hija l-parteċipazzjoni ta' mill-anqas tliet organizzazzjonijiet imsieħba, stabbiliti f'mill-anqas tliet Stati Membri differenti. Dawn l-organizzazzjonijiet imsieħba kollha jridu jkunu indipendenti minn xulxin fis-sens tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)

(*) Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabilixxu r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f-'Orizzont 2020' - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).";

(e) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Minbarra l-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu 3, mhux inqas minn żewġ terzi tal-organizzazzjonijiet imsieħba li jiffurmaw KIC għandhom jiġu stabbiliti fl-Istati Membri. Mill-inqas istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja waħda u kumpanija privata waħda għandhom ikunu parti minn kull KIC.";

(f) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. L-EIT għandu jadotta u jippubblika kriterji u proċeduri għall-finanzjament, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-KICs qabel it-tneġġja tal-proċedura ta' għażla għall-KICs il-ġodda. Il-konfigurazzjoni speċjali tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fi ħdan il-Forum tal-Partijiet Interessati għandha tiġi infurmata fil-pront dwarhom.".

(7) Jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 7a

Prinċipji għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-KICs

L-EIT għandu, fuq il-bażi tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti, fost l-oħrajn, fir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 u l-ASI, u f'kooperazzjoni tal-Kummissjoni, jorganizza monitoraġġ kontinwu u evalwazzjonijiet esterni minn żmien għal żmien tal-kontribut, ir-riżultati u l-impatt ta' kull KIC. Ir-riżultati ta' tali monitoraġġ u evalwazzjonijiet għandhom jiġu rappurtati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandhom jiġu magħmula pubbliċi.

Artikolu 7b

Tul ta' żmien, kontinwazzjoni u tmiem ta' KIC

1. Suġġett għall-eżitu tal-monitoraġġ kontinwu u tal-evalwazzjonijiet minn żmien għal żmien u għall-ispeċifitajiet ta' oqsma partikolari, KIC normalment għandu jkollu qafas ta' żmien ta' minn seba' sa ħmistax-il sena.

2. L-EIT jista' jistabilixxi ftehim qafas ta' sħubija ma' KIC għal perijodu inizjali ta' seba' snin.

3. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddeċiedi li jestendi l-ftehim qafas ta' sħubija ma' KIC lil hinn mill-perjodu inizjali stabbilit, fil-limiti tal-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 19, jekk dan ikun l-aktar mod adatt biex jintlaħqu l-oġettivi tal-EIT.

4. Fil-każ li evalwazzjonijiet ta' KIC juru riżultati inadegwati, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu l-miżuri adatti inklużi t-tnaqqis, il-modifika jew l-irtirar tal-appoġġ finanzjarju jew it-tmiem tal-ftehim."

(8) Fl-Artikolu 8(2), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) ixerrdu l-aħjar prassi dwar kwistjonijiet orizzontali,".

(9) L-Artikolu 10 huwa mħassar.

(10) L-Artikolu 13(2) jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-EIT għandu jippubblika r-regoli ta' proċedura tiegħu, ir-regoli finanzjarji speċifiċi tiegħu msemmija fl-Artikolu 21(1) u l-kriterji dettaljati għall-għażla tal-KICs imsemmija fl-Artikolu 7 qabel ma jinħarġu s-sejħiet għal proposti għall-għażla tal-KICs."

(11) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-KICs għandhom jiġu finanzjati, b'mod partikolari, mis-sorsi li ġejjin:

- (a) kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet imsieħba, bħala sors sostanzjali ta' finanzjament;
- (b) kontribuzzjonijiet volontarji minn Stati Membri, pajjiżi terzi jew awtoritajiet pubbliċi fi ħdanhom;
- (c) kontribuzzjonijiet minn entitajiet jew istituzzjonijiet internazzjonali;
- (d) dħul ġġenerat mill-assi proprji u l-attivitajiet tal-KICs stess u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;
- (e) dotazzjonijiet ta' kapital, inklużi dawk ġestiti mill-Fondazzjoni EIT;
- (f) wirt, donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet minn individwi, istituzzjonijiet, fondazzjonijiet jew kull entità nazzjonali oħra;
- (g) il-kontribuzzjoni mill-EIT;
- (h) strumenti finanzjarji, inklużi dawk mill-fondi tal-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet in natura."

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-kontribuzzjoni tal-EIT lill-KICs tista' tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC";.

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"6. Il-kontribut tal-EIT m'għandux, bħala medja, jaqbeż il-25 % tal-finanzjament totali tal-KIC.

7. L-EIT għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rieżami kompetittiv għall-allokazzjoni ta' sehem adegwat tal-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu lill-KICs. Dan għandu jinkludi l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' negozju tal-KICs u tal-prestazzjoni kif imkejla minn monitoraġġ kontinwu."

(12) L-Artikolu 15 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 15

Programmazzjoni u rappurtar

1. L-EIT għandu jadotta programm triennali progressiv ta' ħidma, ibbażat fuq l-ASI, ladarba tiġi adottata, li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin u l-inizjattivi pplanati tal-EIT u tal-KICs, inkluża stima ta' ħtiġijiet u sorsi finanzjarji. Għandu jkun fih ukoll indikaturi xierqa għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-KICs u l-EIT, bl-użu ta' approċċ orjentat lejn ir-riżultati. Il-programm triennali progressiv preliminari ta' ħidma għandu jintbagħat mill-EIT lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru tas-sena li tispiċċa sentejn qabel id-dħul fis-seħħ tal-programm ta' ħidma triennali in kwistjoni (is-sena N- 2).

Fi żmien tliet xhur minn meta jiġi ppreżentat il-programm ta' ħidma, il-Kummissjoni għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-oġettivi speċifiċi tal-EIT kif iddefiniti f'Orizzont 2020 u l-komplementaritajiet mal-politiki u l-istrumenti tal-Unjoni. L-EIT għandu jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni u, f'każ ta' nuqqas ta' qbil, jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu. Il-programm ta' ħidma finali għandu jiġi trasmess mill-EIT lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għall-finijiet ta' informazzjoni. Fuq talba, id-Direttur għandu jippreżenta l-programm ta' ħidma finali lill-kumitat responsabbli fil-Parlament Ewropew.

2. L-EIT għandu jadotta rapport annwali sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Ir-rapport għandu jagħti fil-qosor l-attivitajiet immexxija mill-EIT u l-KICs matul is-sena kalendarja ta' qabel u jeżamina r-riżultati fir-rigward tal-oġettivi, l-indikaturi u l-iskeda taż-żmien stabbiliti, ir-riskji assoċjati mal-attivitajiet imwettqa, l-użu ta' riżorsi u l-operat ġenerali tal-EIT. L-EIT għandu jibgħat ir-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jinformatom tal-anqas darba fis-sena dwar l-attivitajiet tal-EIT, il-kontribut tagħhom għal Orizzont 2020 u għall-politiki u l-oġettivi ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni tal-Unjoni."

(13) L-Artikolu 16 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-kelma "ħamsa" tiġi sostitwita bil-kelma "tlieta";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Kummissjoni tista' twettaq evalwazzjonijiet oħra dwar temi jew suġġetti ta' rilevanza strateġika, bl-għajnuna ta' esperti indipendenti, biex teżamina l-progress magħmul mill-EIT fir-rigward tal-oġettivi stabbiliti, tidentifika l-fatturi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tidentifika l-aħjar prassi. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra bis-siġħ l-impatt amministrattiv fuq l-EIT u l-KICs."

(14) L-Artikolu 17 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-ASI għandha tiddefinixxi l-oqsma prijoritarji u l-istrateġija fit-tul għall-EIT u għandha tinkludi stima tal-impatt soċjoekonomiku tagħha u l-kapaċità tagħha li tiġġenera l-aħjar valur miżjud fir-rigward tal-innovazzjoni. L-ASI għandha tikkunsidra r-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-EIT kif imsemmi fl-Artikolu 16."

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-ASI għandha tinkludi analiżi tas-sinerġiji potenzjali u adatti u l-komplementaritajiet bejn l-attivitajiet tal-EIT u inizjattivi, strumenti u programmi oħra tal-Unjoni."

(c) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Filwaqt li jaġixxu fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw l-ASI skont l-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

(15) L-Artikolu 19 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 19

Impenji Baġitarji

1. Il-pakkett finanzjarju minn Orizzont 2020 għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 huwa stabbilit għal EUR 2 711,4 miljun fi prezzijiet attwali.

2. L-ammont għandu jikkostitwixxi r-referenza ewlenija għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja, fi ħdan it-tifsira tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' 2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewro-

pew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba] (*).

3. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lejn il-KICs għandha tkun ipprovduta minn dan il-pakkett finanzjarju.

(*) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1."

(16) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz tal-istima, flimkien ma' abbozz ta' pjan ta' stabbiliment u l-programm progressiv triennali preliminari ta' ħidma u jgħaddihom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru tas-sena N- 2."

(b) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Abbażi tal-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal, fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-istimi li hija tqis meħtieġa għall-ammont tas-sussidju li jrid jiġi addebitat lill-baġit ġenerali."

(17) L-Artikolu 21 jiġi emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-EIT għandha tkun implimentata skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013."

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti kwittanza għas-sena N lid-Direttur fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-EIT."

(18) L-Artikolu 22(4) huwa mħassar.

(19) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 22a

Xoljiment tal-EIT

Fil-każ tax-xoljiment tal-EIT, il-likwidazzjoni tiegħu għandha sseħħ taħt is-supervizzjoni tal-Kummissjoni skont il-liġijiet applikabbli. Il-ftehimiet mal-KICs u l-att li jistabbilixxi l-Fondazzjoni tal-EIT għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet adegwati f'tali sitwazzjoni."

Artikolu 2

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 294/2008 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, il-11 ta' Diċembru 2013.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

V. LEŠKEVIČIUS

ANNEX

Statuti tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija

TAQSIMA 1

KOMPOŻIZZJONI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul kemm minn membri maħtura kif ukoll minn rappreżentanti.
2. Għandu jkun hemm 12-il membru maħtur, b'ħatra mill-Kummissjoni, li fosthom ikun hemm bilanċ bejn dawk b'esperjenza fin-negozju, fl-edukazzjoni għolja u fir-riċerka. Dawn għandu jkollhom mandat ta' erba' snin li ma jiġġeddidx.

Fejn mehtiegħ, il-Bord tat-Tmexxija għandu jibgħat lill-Kummissjoni proposta għall-ħatra ta' membru(i) ġdid(ġodda). Il-kandidat(i) għandu jintgħażel (għandhom jintgħażlu) abbażi tar-riżultat ta' proċedura trasparenti u miftuħa li tinvolvi l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati.

Il-Kummissjoni għandha żżomm kont tal-bilanċ bejn l-esperjenza fl-edukazzjoni għolja, fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fin-negozju kif ukoll tal-bilanċ bejn is-sessi u dak ġeografiku u għandha tapprezza l-ambjenti tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha taħtar il-membri(i) u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċess tal-għażla u tal-ħatra finali ta' dawk il-membri tal-Bord tat-Tmexxija.

F'każ li membru maħtur ma jkunx jista' jibqa' sat-tmiem tal-mandat tiegħu/tagħha, għandu jinħatar membru sostitut permezz tal-istess proċedura bħal dik tal-membri li ma jistax ikompli l-mandat sabiex iwettaq sat-tmiem il-mandat ta' dan tal-aħħar. Membru sostitut li jkun serva għal perijodu ta' inqas minn sentejn jista' jinħatar mill-ġdid mill-Kummissjoni għal perijodu addizzjonali ta' erba' snin fuq talba tal-Bord tat-Tmexxija.

Matul perijodu tranżitorju, il-membri tal-Bord maħtura inizjalment għal perijodu ta' sitt snin għandhom jaslu sa tmiem il-mandat tagħhom. Sa dak in-nhar għandu jkun hemm 18-il membru maħtur. Fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, terz mit-tnax-il membru maħtur fl-2012 għandu jintgħażel mill-Bord tat-Tmexxija bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni biex iservi għal perijodu ta' sentejn, terz għal perijodu ta' erba' snin u terz għal perijodu ta' sitt snin.

Il-Kummissjoni tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġustifikati kif dovut, bil-ħsieb li tippreserva l-integrità tal-Bord tat-Tmexxija, twaqqaf il-mandat ta' membru tal-Bord fuq inizjattiva tagħha stess.

3. Għandu jkun hemm tliet membri rappreżentattivi eletti mill-KICs minn fost l-organizzazzjonijiet imsieħba. Dawn għandu jkollhom mandat ta' sentejn, li jista' jiġġedded darba. Il-mandat tagħhom jintemm jekk ma jibqgħux mal-KIC.

Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-elezzjoni u s-sostituzzjoni tal-membri rappreżentattivi għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' proposta mid-Direttur. Dan il-mekkaniżmu għandu jiżgura rappreżentanza xierqa tad-diversità u għandu jżomm kont tal-evoluzzjoni tal-KICs.

Matul perijodu tranżitorju, il-membri rappreżentanti inizjalment eletti għal perijodu ta' tliet snin għandhom jaslu sa tmiem il-mandat tagħhom. Sa dakinhar għandu jkun hemm erba' membri rappreżentanti.

4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess tal-EIT, jissalvagwardjaw il-miri u l-missjoni, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu b'mod indipendenti u trasparenti.

TAQSIMA 2

RESPONSABILTAJET TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet strateġiċi meħtieġa, b'mod partikolari:

- (a) jadotta l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tal-EIT, il-programm progressiv triennali ta' ħidma, il-baġit, il-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ u r-rapport annwali tal-attivitajiet abbażi ta' proposta mid-Direttur;
- (b) jadotta kriterji u proċeduri għall-finanzjament, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-KICs, abbażi ta' proposta mid-Direttur;
- (c) jadotta l-proċedura ta' għażla tal-KICs;

- (d) jagħżel u jaħtar sħubija bħala KIC jew jirtira l-ħatra fejn opportun;
- (e) jiżgura evalwazzjoni kontinwa tal-attivitajiet tal-KICs;
- (f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, daww għall-Kumitat Eżekuttiv, kif ukoll ir-regoli finanzjarji speċifiċi tal-EIT;
- (g) jiddefinixxi, bil-qbil tal-Kummissjoni, l-onorarji xierqa għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat Eżekuttiv; dawn l-onorarji għandhom jittaqabblu ma' remunerazzjoni simili fl-Istati Membri;
- (h) jadotta proċedura għall-għażla tal-Kumitat Eżekuttiv u tad-Direttur;
- (i) jaħtar u jekk meħtieġ ineħħi mill-kariga lid-Direttur, u jeżerċita awtorità dixxiplinari fuqu/fuqha;
- (j) jaħtar l-Uffiċjal tal-Kontabilità u l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv;
- (k) jadotta kodiċi ta' mġiba tajba dwar il-kunflitti ta' interess;
- (l) jistabbilixxi, fejn xieraq, gruppi konsultattivi li jista' jkollhom mandat definit;
- (m) jistabbilixxi Funzjoni ta' Awditjar Intern skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ⁽¹⁾;
- (n) ikollu s-setgħa li jistabbilixxi Fondazzjoni bl-oġettiv speċifiku tal-promozzjoni u l-appoġġ tal-attivitajiet tal-EIT;
- (o) jiddeċiedi dwar il-politika lingwistika tal-EIT filwaqt li jqis il-prinċipji eżistenti dwar il-multilingwiżmu u r-rekwiżiti prattiċi tal-operat tiegħu;
- (p) jippromwovi l-EIT globalment, sabiex iżid l-attrattività tiegħu u jagħmlu entità ta' klassi dinjija għall-eċċellenza fl-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

TAQSIMA 3

FUNZJONAMENT TAL-BORD TAT-TMEXXIJA

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi l-President tiegħu minn fost il-membri maħtura. Il-mandat tal-President għandu jkun għal sentejn, li jista' jiġġedded darba.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi tal-membri li għandhom id-dritt tal-vot.

Madankollu, id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-punti (a), (b), (c), (i) u (o) tat-Taqsima 2, u taħt il-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima għandhom jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu li għandhom id-dritt li jivvotaw.

3. Il-membri rappreżentanti ma jistgħux jivvotaw dwar id-deċiżjonijiet taħt il-punti (b), (c), (d), (e), (f), (g), (i), (j), (k), (o) u (p) tat-Taqsima 2.
4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiltaqa' f'sessjoni ordinarja mill-anqas tliet darbiet fis-sena u f'sessjoni straordinarja meta jiltaqa' mill-President tiegħu jew fuq talba ta' mill-anqas terz tal-membri kollha tiegħu.
5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun meġhjun mill-Kumitat Eżekuttiv. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn tliet membri maħtura u l-President tal-Bord tat-Tmexxija, li għandu jippresiedi wkoll il-Kumitat Eżekuttiv. It-tliet membri appartgħi l-President għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri maħtura tal-Bord tat-Tmexxija. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddelega kompiti speċifiċi lill-Kumitat Eżekuttiv.

TAQSIMA 4

ID-DIRETTUR

1. Id-Direttur għandu jkun persuna ta' kompetenza u reputazzjoni għolja fl-oqsma li fihom jopera l-EIT. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija għal mandat ta' erba' snin. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi dak il-mandat darba b'perjodu ta' erba' snin meta jqis li l-interessi tal-EIT jinqdew aħjar jekk isir hekk.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet insemminjati fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

2. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-operazzjonijiet u l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-EIT u għandu jkun ir-rappreżentant ġuridiku tiegħu. Id-Direttur għandu jagħti rendikont lill-Bord tat-Tmexxija u jirrapporta lill-Bord fuq bażi kontinwa dwar l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-EIT.
3. Id-Direttur għandu b'mod partikolari:
 - (a) jorganizza u jmxexxi l-attivitajiet tal-EIT;
 - (b) jgħin lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat Eżekuttiv f'bidmiedhom, jipprovdi s-segretarjat għal-laqqgħat tagħhom u jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiethom;
 - (c) iħejji abbozz tal-ASI, programm progressiv preliminarju u triennali ta' ħidma, l-abbozz tar-rapport annwali u l-abbozz tal-baġit annwali biex jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija;
 - (d) iħejji u jamministra l-proċedura tal-għażla għall-KICs u jiżgura li d-diversi stadji ta' dak il-proċess jitwettqu b'mod trasparenti u oġġettiv;
 - (f) iħejji, jinnegozja u jikkonkludi ftehimiet kuntrattwali mal-KICs;
 - (f) jorganizza l-Forum tal-Partijiet Interessati, inkluża l-konfigurazzjoni speċjali tar-rappreżentanti tal-Istati Membri;
 - (g) jiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri effikaċi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tal-EIT skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament;
 - (h) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġit tal-EIT, wara li jittieħed kont tal-parir mogħti mill-Funzjoni ta' Awditjar Intern;
 - (i) ikun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha tal-persunal;
 - (j) jippreżenta l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-Funzjoni ta' Awditjar Intern, u sussegwentement lill-Bord tat-Tmexxija, permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;
 - (k) jiżgura li jitwettqu l-obbligi tal-EIT fir-rigward tal-kuntratti u l-ftehimiet konklużi minnu;
 - (l) jiżgura komunikazzjoni effettiva mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
 - (m) jaġixxi fl-interess tal-EIT, jissalvagwardja l-miri u l-missjoni, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu b'mod indipendenti u trasparenti.

TAQSIMA 5

IL-PERSUNAL TAL-EIT

1. Il-persunal tal-EIT għandu jkun magħmul minn persuni impjegati direttament mill-EIT taħt kuntratti b'terminu fiss. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea għandhom japplikaw għad-Direttur u għall-persunal tal-EIT.
2. Jistgħu jiġu ssekondati esperti, għal perijodu limitat, mal-EIT. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu lill-esperti ssekondati jaħdmu mal-EIT u jiddefinixxi d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom.
3. L-EIT għandu jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tiegħu, is-setgħat mogħtija lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi l-kuntratti mal-persunal tiegħu.
4. Jista' jiġi meħtieġ minn membru tal-persunal li jagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara, kompletament jew parzjalment, imġarrba mill-EIT bħala riżultat ta' kondotta serjament skorretta min-naħa tiegħu/tagħha matul il-qadi ta' dmirijietu/ħa jew b'rabta mal-qadi ta' dmirijietu/ħa.